



Brussell, 15 ta' Frar 2022
(OR. fr, en)

6159/22

LIMITE

JAI 174
FRONT 59
VISA 26
SAN 83
TRANS 77
IPCR 22
COVID-19 41
COMIX 69

**Fajl Interistituzzjonali:
2021/0397(NLE)**

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill li temenda r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/912 dwar ir-restrizzjoni temporanja fuq vjaġġar mhux essenzjali lejn l-UE u t-tneħħija possibbli ta' tali restrizzjoni – Adozzjoni

1. Fil-25 ta' Novembru 2021, il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill li temenda r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/912 dwar ir-restrizzjoni temporanja fuq vjaġġar mhux essenzjali lejn l-UE u t-tneħħija possibbli ta' tali restrizzjoni¹. Fl-istess jum, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta tagħha waqt diskussjoni ta' ħidma tal-IPCR.
2. Fid-29 ta' Novembru u t-2 ta' Diċembru 2021, l-IPCR kellu skambju ta' fehmiet dwar it-test tal-proposta.
3. Fis-6 ta' Diċembru 2021, l-IPCR iddiskuta l-ewwel test ta' kompromess tal-Presidenza, segwit mill-Coreper fl-10 ta' Diċembru 2021. F'dik l-okkażjoni, xi delegazzjonijiet talbu biex l-adozzjoni tat-test issir aktar tard sabiex jittieħed kont tal-effetti tal-iżvilupp tal-varjant Omicron.

¹ 14115/21

4. Fis-16 ta' Diċembru 2021, il-Kunsill Ewropew appella fil-konklużjonijiet tiegħu għall-adozzjoni rapida tar-Rakkomandazzjoni riveduta tal-Kunsill dwar vjaġġar mhux essenzjali lejn l-UE.
5. Fl-24 ta' Jannar 2022, l-IPCR kellu skambju ulterjuri ta' fehmiet dwar it-test ta' kompromess inizjali tal-Presidenza. Wara dan l-iskambju ta' fehmiet, il-Presidenza ppreżentat test ta' kompromess ġdid lill-IPCR fis-7 ta' Frar 2022.
6. Sabiex jittieħed kont tal-kummenti li d-delegazzjonijiet għamlu waqt il-laqgħa tal-IPCR tas-7 ta' Frar 2022, il-Presidenza introduċiet għadd limitat ta' bidliet. It-test ta' kompromess il-ġdid ġie diskuss fl-IPCR fit-14 ta' Frar 2022.
7. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden japprova t-test ta' kompromess tal-Presidenza mehmuż u jitlob lill-Kunsill jadottah bħala punt "A" f'waħda mil-laqgħat tiegħu li jmiss. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden ukoll jitlob il-pubblikazzjoni tat-test tar-Rakkomandazzjoni kif adottat mill-Kunsill f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

2021/0397 (NLE)

Proposta għal

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

li temenda r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/912 dwar ir-restrizzjoni temporanja fuq vjaġġar mhux essenzjali lejn l-UE u t-tneħħija possibbli ta' tali restrizzjoni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b' mod partikolari l-Artikolu 77(2)(b)(e) u l-ewwel u t-tieni sentenzi tal-Artikolu 292 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Fit-30 ta' Ġunju 2020, il-Kunsill adotta r-Rakkomandazzjoni (UE) 2020/912 dwar ir-restrizzjoni temporanja fuq vjaġġar mhux essenzjali lejn l-UE u t-tneħħija possibbli ta' tali restrizzjoni¹.
- (2) Fit-2 ta' Frar 2021, il-Kunsill emenda r-Rakkomandazzjoni (UE) 2020/912 dwar ir-restrizzjoni temporanja fuq vjaġġar mhux essenzjali lejn l-UE² u t-tneħħija possibbli ta' tali restrizzjoni sabiex jaġġorna l-kriterji użati biex jiġi vvalutat jekk vjaġġar mhux essenzjali minn pajjiżi terzi huwiex sikur u jekk dan jenħteġx li jkun permess.
- (3) L-istess emenda introduċiet mekkaniżmi biex trażżan it-tixrid tal-varjanti ta' tħassib tal-virus SARS-CoV-2 fl-UE³.

¹ Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/912 tat-30 ta' Ġunju 2020 dwar ir-restrizzjoni temporanja fuq vjaġġar mhux essenzjali lejn l-UE u t-tneħħija possibbli ta' tali restrizzjoni (ĠU LI 208, 1.7.2020, p. 1).

² Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/132 tat-2 ta' Frar 2021 li temenda r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/912 dwar ir-restrizzjoni temporanja fuq vjaġġar mhux essenzjali lejn l-UE u t-tneħħija possibbli ta' tali restrizzjoni (ĠU L 41, 4.2.2021, p. 1).

³ Iż-“żona UE+” tinkludi l-Istati Membri kollha ta' Schengen (inkluż il-Bulgarija, il-Kroazja, Ċipru u r-Rumanija), kif ukoll l-erba' Stati Assoċjati ma' Schengen. Din tinkludi wkoll l-Irlanda jekk tiddeċiedi li tallinja.

- (4) Fl-20 ta' Mejju 2021, il-Kunsill emenda r-Rakkomandazzjoni (UE) 2020/912⁴ biex iqis il-varar u l-effetti pożittivi tal-kampanji ta' tilqim biex jillimitaw it-tixrid tal-virus, kif ukoll biex ikompli jillimita l-importazzjoni u t-tixrid fl-UE tal-varjanti ta' interess u ta' tħassib emerġenti.
- (5) Fl-14 ta' Ġunju 2021, il-Parlament u l-Kunsill adottaw ir-Regolamenti (UE) 2021/953⁵ u (UE) 2021/954⁶ dwar iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE. Iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE wera li huwa għodda fundamentali biex in-nies jerġgħu jitħallew jivvjaġġaw fl-UE.
- (6) Minn mindu ġie adottat ir-Regolament (UE) 2021/953, il-Kummissjoni adottat diversi atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu li iċ-ċertifikati COVID-19 maħruġa minn ċertu pajjiż terz għandhom jittqiesu ekwivalenti għaċ-ċertifikati maħruġa mill-Istati Membri f'konformità ma' dak ir-Regolament. Għalhekk, iċ-ċertifikati tat-tilqim, tal-irkupru u tal-ittestjar koperti minn tali atti ta' implimentazzjoni jistgħu jiġu awtentikati b'mod sigur u affidabbli. Għalhekk, iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE, u b'mod partikolari d-deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni adottati abbażi ta' dan, ukoll iffaċilitaw il-ftuħ mill-ġdid sikur tal-ivvjaġġar minn pajjiżi terzi lejn l-UE.⁷
- (7) L-approċċ attwali stabbilit fir-Rakkomandazzjoni (UE) 2020/912 jenħtieġ li jiġi aġġornat biex iqis l-istabbiliment taċ-ċertifikat COVID Diġitali tal-UE kif ukoll iqis l-evoluzzjoni tal-pandemija, inkluż il-feġġ tal-varjant ta' tħassib Omicron, iż-żieda fit-teħid tat-tilqima u t-tneħħija progressiva tar-restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar madwar id-dinja.
- (8) Fit-22 ta' Ottubru 2021, il-Kunsill Ewropew, fil-konklużjonijiet tiegħu u fid-dawl tal-iżvilupp tas-sitwazzjoni epidemjoloġika, appella għal aktar koordinazzjoni biex jiġi ffaċilitat il-moviment liberu ġewwa l-UE u l-ivvjaġġar lejha, u għal reviżjoni taż-żewġ Rakkomandazzjonijiet, inkluż ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/912.

⁴ Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/816 tal-20 ta' Mejju 2021 li temenda r-Rakkomandazzjoni (UE) 2020/912 dwar ir-restrizzjoni temporanja fuq vjaġġar mhux essenzjali lejn l-UE u t-tneħħija possibbli ta' tali restrizzjoni (ĠU L 182, 21.5.2021, p. 1).

⁵ Regolament (UE) 2021/953 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2021 dwar qafas għall-ħruġ, għall-verifika u għall-aċċettazzjoni ta' ċertifikati COVID-19 interoperabbli tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqan (Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE) għall-faċilitazzjoni tal-moviment liberu waqt il-pandemija tal-COVID-19.

⁶ Regolament (UE) 2021/954 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2021 dwar qafas għall-ħruġ, għall-verifika u għall-aċċettazzjoni ta' ċertifikati COVID-19 interoperabbli tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqan (Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE) fir-rigward ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li joqogħdu jew li jirrisjedu legalment fit-territorji tal-Istati Membri waqt il-pandemija tal-COVID-19.

⁷ Il-lista aġġornata ta' deċiżjonijiet dwar l-ekwivalenza hija ppubblikata fuq din il-paġna web: https://ec.europa.eu/info/publications/commission-implementing-decisions-eu-equivalence-covid-19-certificates-issued-non-eu-countries_mt

- (9) Jenħtieġ li l-perijodu standard ta' aċċettazzjoni għaċ-ċertifikati tat-tilqim maħruġa minn pajjiżi terzi wara t-tlestija ta' sensiela ta' tilqim primarju jkun ta' 270 jum. Sabiex jiġi żgurat approċċ koordinat, jenħtieġ li l-Istati Membri ma jaċċettawx ċertifikati tat-tilqim maħruġa wara t-tlestija tas-sensiela ta' tilqim primarju jekk ikunu għaddew aktar minn 270 jum minn meta tingħata d-doża indikata fihom. F'dan il-każ, jenħtieġ li l-Istati Membri jaċċettaw ċertifikati tat-tilqim li jindikaw li tkun ittieħdet doża addizzjonali wara t-tlestija tas-serje primarja tat-tilqim.
- (10) Biex jiġi ffaċilitat aktar l-ivvjaġġar sikur lejn l-UE, jenħtieġ li l-livell limitu għar-rata kumulattiva fuq 14-il jum tan-notifiki tal-każijiet ta' COVID-19 jiżdied minn 75 għal 100 għal kull 100 000 abitant. Fl-istess ħin, kif ukoll biex jitqies it-titjib fil-kapaċitajiet ta' ttestjar kważi sentejn wara li feġġ il-virus għall-ewwel darba, jenħtieġ ukoll li r-rata minima ta' ttestjar meħtieġa fil-ġimgħa tiżdied minn 300 test għal 600 test għal kull 100 000 abitant. Jenħtieġ li dan ikompli jżid l-affidabbiltà tad-data użata biex tiddetermina sa liema punt jenħtieġ li jkun possibbli vjaġġar mhux essenzjali minn pajjiżi terzi partikolari.
- (11) Sabiex jippermettu vjaġġar mhux essenzjali lejn l-Unjoni u jżidu l-prevedibbiltà għall-vjaġġaturi minn pajjiżi terzi, jenħtieġ li l-Istati Membri mhux biss jaċċettaw il-vaċċini kontra l-COVID-19 li jkunu ngħataw awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq skont ir-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁸, iżda wkoll dawk li jkunu lestew il-proċedura ta' tqegħid fuq il-lista għall-użu ta' emerġenza tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO).
- (12) Barra minn hekk, bħala alternattiva għat-tilqim, jenħtieġ li l-Istati Membri jippermettu vjaġġar mhux essenzjali lill-persuni li jkunu rkupraw mill-COVID-19 fi żmien 180 jum qabel ma jivvjaġġaw lejn l-UE u li jkollhom ċertifikat COVID Diġitali tal-UE jew wieħed meqjus ekwivalenti għalih.
- (13) Fl-istess ħin, biex jitnaqqas aktar ir-riskju ta' trażmissjoni tal-virus SARS-CoV-2, l-Istati Membri jistgħu jirrikjedu wkoll prova valida ta' test negattiv ta' reazzjoni katina bil-polimerażi f'ħin reali (real-time polymerase chain reaction, RT-PCR) qabel it-tluq tal-vjaġġatur, meta dan jew (i) ikun irċieva vaċċin kontra l-COVID-19 li jkun lesta l-proċess ta' Tqegħid fuq il-Lista għall-Użu ta' Emerġenza tad-WHO iżda li ma jidhirx fil-lista ta' vaċċini awtorizzati fl-UE skont ir-Regolament (KE) Nru 726/2004 jew (ii) ikun irkupra mill-COVID-19 fi żmien 180 jum qabel ma jivvjaġġa lejn l-UE.

⁸ Ir-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li jistabbilixxi proċeduri Komunitarji għall-awtorizzazzjoni u s-sorveljanza ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u veterinarju u li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (ĠU L 136, 30.4.2004, p. 1).

- (13a) Minħabba l-fatt li jista' ma jkunx possibbli li jiġu vverifikati l-awtentiċità, l-integrità u l-validità ta' ċertifikati tat-tilqim ma'ruġa minn pajjiżi terzi li ma jużawx il-qafas ta' fiduċja ta' Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE jew ċertifikat tat-tilqim li jkun ġie rikonxxut b'hal ekwivalenti għalih, l-Istati Membri jistgħu jirrikjedu wkoll prova valida ta' test negattiv tal-RT-PCR qabel it-tluq meta l-vjaġġatur ikun imlaqqam kompletament b'vaċċin kontra l-COVID-19 li jkun ingħata awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq skont ir-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁹ iżda ma jkollux Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE jew wieħed li jkun ġie rikonxxut b'hal ekwivalenti għalih.
- (14) Jenħtieġ li t-tfal li jkollhom aktar minn 6 snin u inqas minn 18-il sena ikunu jistgħu jivvjaġġaw bil-kundizzjoni li jipproduċu test negattiv tal-RT-PCR qabel it-tluq. F'dawn il-każijiet, l-Istati Membri jistgħu jirrikjedu ttestjar addizzjonali wara li jaslu, kwarantina jew awtoiżolament. Meta tfal ta' aktar minn sitt snin u taħt l-età ta' 18-il sena jkollhom fil-pussess tagħhom prova valida tal-vaċċin kontra l-COVID-19 ma'ruġa abbażi ta' vaċċin kontra l-COVID-19 awtorizzat fl-UE skont ir-Regolament (KE) Nru 726/2004, jenħtieġ li ma jkun meħtieġ l-ebda test. Tfal taħt l-età ta' sitt snin li jivvjaġġaw ma' adult jenħtieġ li ma jkunux soġġetti għal rekwiżiti addizzjonali.
- (14a) L-Istati Membri jistgħu jippermettu vjaġġar mhux essenzjali lil persuni li għalihom il-vaċċin aċċettat kontra l-COVID-19 huwa medikament kontraindikant dment li dawn il-persuni jkunu ppreżentaw id-dokumentazzjoni meħtieġa u jkunu ttestjaw negattivi għal test tal-RT-PCR qabel it-tluq.
- (15) Fid-dawl taż-żieda fit-teħid tat-tilqima madwar id-dinja, huwa adegwat li jibda jitqies li l-approċċ ibridu attwali bbażat fuq il-pajjiż/fuq il-persuna gradwalment isir approċċ ibbażat purament fuq il-persuna u t-tneħħija tar-restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar tkun ibbażata biss fuq l-istatus tat-tilqim jew fuq il-funzjoni/il-ħtieġa li jissodisfaw il-vjaġġaturi. Madankollu, b'ħalissa għad hemm pajjiżi terzi b'aċċess limitat għall-vaċċini jew b'rata tat-tilqim baxxa. Għalhekk, sabiex jingħata żmien lill-pajjiżi terzi jżidu r-rati tat-tilqim tagħhom inkluż l-għoti ta' dożi booster biex tiġi żgurata l-validità ta' ċertifikati tat-tilqim u fuq valutazzjoni ġenerali minn qabel tas-sitwazzjoni tat-tilqim f'pajjiżi terzi abbażi ta' data pprovduta, fost l-oħrajn, mid-Delegazzjonijiet tal-UE, sat-30 ta' April 2022, jenħtieġ li r-Rakkomandazzjoni tiġi rieżaminata mill-Kummissjoni bil-ħsieb li jitħassar l-Anness I b'kont meħud taż-żieda fit-teħid tat-tilqima madwar id-dinja. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tirrapporta lill-Kunsill, u tista' tippreżentalu, kif xieraq, proposta biex jitħassar l-Anness I.

⁹ Ir-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li jistabbilixxi proċeduri Komunitarji għall-awtorizzazzjoni u s-sorveljanza ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u veterinarju u li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (ĠU L 136, 30.4.2004, p. 1).

- (16) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-Pożizzjoni tad-Danimarka, anness għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u għat-TFUE, id-Danimarka mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni u mhijiex marbuta biha jew suġġetta għall-applikazzjoni tagħha. Peress li din ir-Rakkomandazzjoni tibni fuq l-acquis ta' Schengen, jenħtieġ li d-Danimarka, f'konformità mal-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, tiddeċiedi jekk hijiex ser timplimentaha fi żmien sitt xhur wara li l-Kunsill ikun ħa deċiżjoni dwar din ir-Rakkomandazzjoni.
- (17) Din ir-Rakkomandazzjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen li l-Irlanda mhijiex qed tieħu sehem fihom, f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE¹⁰; Għaldaqstant l-Irlanda mhix qed tieħu sehem fl-adozzjoni tagħha u mhix marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.
- (18) Fir-rigward tal-Iżlanda u n-Norveġja, din ir-Rakkomandazzjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen fis-sens tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawn iż-żewġ Stati mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen¹¹, koperti mill-qasam imsemmi fl-Artikolu 1(A) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE¹².
- (19) Fir-rigward tal-Iżvizzera, din ir-Rakkomandazzjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen, fis-sens tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen li jaqgħu fil-qasam imsemmi fl-Artikolu 1, punt A, tad-Deċiżjoni 1999/437/KE¹³ moqri flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/146/KE¹⁴.

¹⁰ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 rigward it-talba tal-Irlanda biex tieħu sehem f'xi dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen (ĠU L 64, 7.3.2002, p. 20).

¹¹ ĠU L 176, 10.7.1999, p. 36.

¹² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE tas-17 ta' Mejju 1999 dwar ċerti arranġamenti għall-applikazzjoni tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawn iż-żewġ Stati mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen (ĠU L 176, 10.7.1999).

¹³ ĠU L 53, 27.2.2008, p. 52.

¹⁴ Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/146/KE tat-28 ta' Jannar 2008 dwar il-konklużjoni f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen (ĠU L 53, 27.2.2008, p. 1).

- (20) Fir-rigward tal-Liechtenstein, din ir-Rakkomandazzjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen fis-sens tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein mal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-adeżjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen li jaqgħu fil-qasam imsemmi fl-Artikolu 1, punt A, tad-Deċiżjoni 1999/437/KE¹⁵, moqri flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni 2011/350/UE¹⁶.
- (21) L-istatus legali ta' din ir-Rakkomandazzjoni kif imfakkar fil-premessi 15 sa 19 huwa mingħajr preġudizzju għall-ħtieġa li l-Istati Membri kollha, fl-interess tal-funzjonament tajjeb taż-żona Schengen, jiddeċiedu dwar it-tneħħija tar-restrizzjoni fuq vjaġġar mhux essenzjali lejn l-UE b'mod ikkoordinat,

ADOTTA DIN IR-RAKKOMANDAZZJONI:

Ir-Rakkomandazzjoni (UE) 2020/912 hija emendata kif ġej:

- (1) Mill-1 ta' Marzu 2022, fil-punt 2, it-tieni paragrafu, iċ-ċifra “75” tinbidel f’“100” u ċ-ċifra “300” tinbidel f’“600”;
- (2) Mill-1 ta' Marzu 2022, fil-punt 6a, l-ewwel, it-tieni u t-tielet paragrafi huma sostitwiti b'dan li ġej:

“Mingħajr preġudizzju għall-punt 6 (a) u (b), meta l-Istati Membri jaċċettaw prova tat-tilqim sabiex ineħħu r-restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar biex jillimitaw it-tixrid tal-COVID-19, jenħtieġ li fil-prinċipju, l-Istati Membri jneħħu r-restrizzjoni temporanja fuq l-ivvjaġġar mhux essenzjali lejn l-UE fir-rigward ta' tali vjaġġaturi li jkunu rċevew l-aħħar doża rakkomandata ta' wieħed mill-vaċċini kontra l-COVID-19 awtorizzati fl-UE skont ir-Regolament (KE) Nru 726/2004* mhux aktar tard minn 14-il jum qabel ma jidħlu fiż-żona UE+, dment li jkunu għaddew inqas minn 270 jum minn meta tkun ingħatat id-doża indikata fiċ-ċertifikat tat-tilqim għat-tlestija tas-sensiela ta' tilqim primarju, jew tkun ingħatat doża addizzjonali wara t-tlestija tas-sensiela ta' tilqim primarju.

¹⁵ ĠU L 160, 18.6.2011, p. 21.

¹⁶ Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/350/UE tas-7 ta' Marzu 2011 dwar il-konklużjoni, fisem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein mal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen, relatat mal-abolizzjoni tal-verifiki mal-fruntieri interni u l-moviment tal-persuni (ĠU L 160, 18.6.2011, p. 19).

Jenħtieġ ukoll li l-Istati Membri jneħħu r-restrizzjoni temporanja fuq l-ivvjaġġar mhux essenzjali lejn l-UE fir-rigward ta' tali vjaġġaturi li jkunu rċevew l-aħħar doża rakkomandata ta' wieħed mill-vaċċini tal-COVID-19 li jkunu lestew il-proċess ta' Tqegħid fuq il-Lista għall-Użu ta' Emerġenza tad-WHO mhux aktar tard minn 14-il jum qabel ma jidħlu fiż-żona UE+, dment li jkunu għaddew inqas minn 270 jum minn meta tkun ngħatat id-doża indikata fiċ-ċertifikat tat-tilqim għat-tlestija tas-sensiela ta' tilqim primarju, jew tkun ngħatat doża addizzjonali wara t-tlestija tas-sensiela ta' tilqim primarju.

Jenħtieġ ukoll li l-Istati Membri jneħħu r-restrizzjoni temporanja fuq vjaġġar mhux essenzjali lejn l-UE fir-rigward ta' tali vjaġġaturi li jkunu rkupraw mill-COVID-19 fi żmien 180 jum qabel ma jivvjaġġaw lejn l-UE.

Għal dak il-għan, jenħtieġ li l-vjaġġaturi li jixtiequ jagħmlu vjaġġ mhux essenzjali lejn Stat Membru jkollhom fil-pussess tagħhom jew:

- a) prova valida tal-vaċċin kontra l-COVID-19 maħruġa abbażi ta' vaċċin kontra l-COVID-19 awtorizzat fl-UE skont ir-Regolament (KE) Nru 726/2004 jew,
- b) prova valida tal-vaċċin kontra l-COVID-19 maħruġa abbażi ta' vaċċin kontra l-COVID-19 li jkun lesta l-proċess ta' Tqegħid fuq il-Lista għall-Użu ta' Emerġenza tad-WHO iżda li ma jidhrix fil-lista ta' vaċċini awtorizzati fl-UE skont ir-Regolament (KE) Nru 726/2004 jew,
- c) prova valida ta' rkupru.

Għall-vjaġġaturi li jaqgħu taħt il-punti b) u c) hawn fuq, l-Istat Membru jista' jirrikjedi wkoll prova valida ta' test negattiv ta' reazzjoni katina bil-polimerażi f'ħin reali (RT-PCR) li jsir mhux qabel 72 siegħa qabel it-tluq. Għall-vjaġġaturi li jaqgħu taħt il-punt b) l-Istati Membri jistgħu japplikaw miżuri tas-saħħa addizzjonali bħall-iżolament, il-kwarantina jew li jirċievu vaċċin awtorizzat fl-UE skont ir-Regolament (KE) Nru 726/2004.

Minbarra ċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE, jenħtieġ li l-Istati Membri jaċċettaw tali provi tat-tilqim kontra l-COVID-19 jew tal-irkupru minnu jekk dawn jikkorrispondu għal ċertifikati li jkunu tqiesu ekwivalenti għal dawk maħruġa f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/953 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** f'att ta' implimentazzjoni adottat mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 8 ta' dak ir-Regolament.

Fejn ma jkun ġie adottat l-ebda att bħal dan li jikkonċerna ċ-ċertifikati maħruġa minn pajjiż terz, l-Istati Membri jistgħu jaċċettaw, f'konformità mal-liġi nazzjonali, prova tal-ittestjar u tat-tilqim maħruġa mill-pajjiż terz, filwaqt li titqies il-ħtieġa tkun tista' ssir verifika tal-awtenticietà, tal-validità u tal-integrità taċ-ċertifikat, u jekk ikunx fih id-data rilevanti kollha kif previst fir-Regolament (UE) 2021/953.

F'każ bħal dan, jistgħu jirrikjedu prova valida ta' test negattiv tal-RT-PCR qabel it-tluq għal vjaġġaturi mlaqqma kompletament b'vaċċin kontra l-COVID-19 li jkun ingħata awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq skont ir-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁷ iżda li ma jkollhomx Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE jew wieħed li jkun għe rikonoxxut bħala ekwivalenti għalih.

Sakemm ma jkunux koperti mid-dispożizzjonijiet stabbiliti hawn fuq, tfal bejn sitt snin u 18-il sena jenħtieġ ukoll li jitħallew jagħmlu vjaġġ mhux essenzjali lejn Stat Membru jekk ikollhom prova valida ta' test negattiv ta' reazzjoni katina bil-polimerażi f'ħin reali (RT-PCR) li jkun sar mhux qabel 72 siegħa qabel it-tluq. F'dawn il-każijiet, l-Istati Membri jistgħu jirrikjedu ttestjar addizzjonali wara l-wasla, kif ukoll kwarantina jew awtoiżolament. Tfal taħt l-età ta' sitt snin li jivvjaġġaw ma' adult jenħtieġ li ma jkunux soġġetti għal rekwiżiti addizzjonali."

-
- * Ir-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li jistabbilixxi proċeduri Komunitarji għall-awtorizzazzjoni u s-sorveljanza ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u veterinarju u li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (ĠU L 136, 30.04.2004, p. 1).
- ** Ir-Regolament (UE) 2021/953 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2021 dwar qafas għall-ħruġ, għall-verifika u għall-aċċettazzjoni ta' ċertifikati COVID-19 interoperabbli tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqa (Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE) għall-faċilitazzjoni tal-moviment liberu waqt il-pandemija tal-COVID-19 (ĠU L 211, 15.6.2021, p. 1).

(3) Jiddaħħal il-punt (12) ġdid:

Sat-30 ta' April 2022, ir-Rakkomandazzjoni jenħtieġ tiġi riveduta mill-Kummissjoni bil-ħsieb li jitħassar l-Anness I b'kont meħud taż-żieda fit-teħid tat-tilqim madwar id-dinja.

Jenħtieġ li l-Kummissjoni tirrapporta lill-Kunsill, u tista' tippreżentalu, kif xieraq, proposta biex jitħassar l-Anness I.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President

¹⁷ Ir-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li jistabbilixxi proċeduri Komunitarji għall-awtorizzazzjoni u s-sorveljanza ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u veterinarju u li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (ĠU L 136, 30.4.2004, p. 1).